VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 131, 30 ta' Awwissu, 2013
Taqsima B

A.L. 261 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ordni tal-2013 dwar il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 131(1) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2013 dwar il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.

Personalità ġuridika tal-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla. Kap. 327

2. Il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla hija korp magħqud li jkollha personalità ġuridika u distinta u li tkun tista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Edukazzjoni, tagħmel kuntratti, tikseb, iżżomm u tiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, jew li tħarrek jew li tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet u dawk l-operazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt l-Att dwar l-Edukazzjoni.